SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża)

3 ta' Mejju 2018 *

"Dumping – Importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġina miċ-Ċina – Modifika tad-dazju antidumping definittiv – Eżami mill-ġdid intermedju parzjali – Rikors għal annullament – Inċidenza diretta u individwali – Ammissibbiltà – Determinazzjoni tal-valur normali – Valur normali maħdum – Bdil ta' metodu – Trattament individwali – Artikolu 2(7)(a) u Artikolu 11(9) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 [li saru l-Artikolu 2(7)(a) u l-Artikolu 11(9) tar-Regolament (UE) 2016/1036] – Modulazzjoni *ratione temporis* tal-effetti ta' annullament"

Fil-Kawża T-431/12,

Distillerie Bonollo SpA, stabbilita f'Formigine (l-Italja),

Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA, stabbilita f'Borgoricco (l-Italja),

Distillerie Mazzari SpA, stabbilita f'Sant'Agata sul Santerno (l-Italja),

Caviro Distillerie Srl, stabbilita fi Franza (l-Italja),

Comercial Química Sarasa, SL, stabbilita f'Madrid (Spanja),

irrappreżentati minn R. MacLean, solicitor, u A. Bochon, avukat,

rikorrenti,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn S. Boelaert u B. Driessen, bħala aġenti, assistiti inizjalment minn G. Berrisch, avukat, u N. Chesaites, barrister, sussegwentement minn G. Berrisch u fl-aħħar minn N. Tuominen, avukat,

konvenut,

sostnut minn

Il-Kummissjoni Ewropea, inizjalment irrappreżentata minn M. França u A. Stobiecka-Kuik, sussegwentement minn M. França u J.-F. Brakeland, bħala aġenti,

u minn

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd, stabbilita f'Changzhou (iċ-Ċina), irrappreżentata minn E. Vermulst, S. Van Cutsem, F. Graafsma u J. Cornelis, avukati,

intervenjenti,

li għandha bħala suġġett talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni [tal-Kunsill] (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2012, L 182, p. 1),

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża),

komposta minn A. M. Collins (Relatur), President, M. Kancheva, E. Bieliūnas, R. Barents u J. Passer, Imħallfin,

Reġistratur: C. Heeren, Amministratur,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura u wara s-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 L-aċidu tartariku huwa użat b'mod partikolari bħala addittiv tal-ikel fil-produzzjoni tal-inbid u ta' xarbiet oħra u bħala ritardant tat-tgħaqqid tal-ġibs. Fl-Unjoni Ewropea kif ukoll fl-Arġentina, l-aċidu tartariku L+ huwa mmanifatturat minn prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, magħrufa bħala l-karfa tal-inbid, li huma pproċessati f'tartrat tal-kalċju u, sussegwentement, f'aċidu tartariku. Fiċ-Ċina, l-aċidu tartariku L+ u l-aċidu tartariku DL huma mmanifatturati mill-benżen, li jiġi pproċessat f'anidride malejka, u sussegwentement f'aċidu malejku u, fl-aħħar nett f'aċidu tartariku. L-aċidu tartariku mmanifatturat permezz ta' sinteżi kimika għandu l-istess karatteristiċi fiżiċi u kimiċi u huwa intiż għall-istess użi bażiċi bħal dak immanifatturat minn prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid.

2 Fl-24 ta' Settembru 2004 tressaq ilment quddiem il-Kummissjoni Ewropea dwar prattiki ta' dumping fil-qasam tal-aċidu tartariku, liema lment tressaq minn diversi produtturi Ewropej, fosthom Comercial Química Sarasa, SL, Distillerie Mazzari SpA u Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA.

3 Fit-30 ta' Ottubru 2004, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* avviż ta' ftuħ ta' proċedura antidumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2004, C 267, p. 4).

4 Il-produtturi li ressqu dan l-ilment ippreżentaw l-opinjoni tagħhom.

5 Il-Kummissjoni wettqet żjarat ta' verifika fil-bini ta' diversi produtturi Ewropej, inkluż għand it-tliet kumpanniji indikati fil-punt 2 iktar 'il fuq u Distillerie Bonollo SpA.

6 Fis-27 ta' Lulju 2005, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (KE) Nru 1259/2005, li jimponi dazju antidumping provviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2005, L 200, p. 73, iktar 'il quddiem ir-"Regolament provviżorju").

7 Fit-23 ta' Jannar 2006, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta r-Regolament (KE) Nru 130/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u li jiġbor b'mod definittiv id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2008, L 334M, p. 755, rettifika fil-ĠU 2009, L 58M, p. 304, iktar 'il quddiem ir-"Regolament definittiv").

8 Wara l-pubblikazzjoni, fl-4 ta' Awwissu 2010, ta' avviż tal-iskadenza imminenti ta' ċerti miżuri *anti-dumping* (ĠU 2010, C 211, p. 11), il-Kummissjoni rċeviet, fis-27 ta' Ottubru 2010, talba għall-eżami mill-ġdid tal-iskadenza ta' dawn il-miżuri, imressqa mir-rikorrenti, Caviro Distillerie Srl, Comercial Química Sarasa, Distillerie Bonollo, Distillerie Mazzari u Industria Chimica Valenzana.

9 Fis-26 ta' Jannar 2011, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-avviż ta' tnedija ta' reviżjoni ta' skadenza u ta' reviżjoni tal-miżuri tal-antidumping fir-rigward ta' importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina (ĠU 2011, C 24, p. 14), skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU 2009, L 343, p. 51, iktar 'il quddiem ir-"Regolament bażiku") (issostitwit bir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2016, L 176, p. 21)) u, b'mod iktar speċifiku, l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku (li sar Artikolu 11(2) tar-Regolament 2016/1036).

10 Fid-9 ta' Ġunju 2011, ir-rikorrenti ressqu talba għal eżami mill-ġdid intermedju parzjali li tikkonċerna Changmao Biochemical Engineering Co. Ltd u Ninghai Organic Chemical Factory (iktar 'il quddiem iż-"żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi"), skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 11(3) tar-Regolament 2016/1036).

11 Fid-29 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* l-avviż ta' bidu ta' reviżjoni parzjali interim tal-miżuri tal-anti-dumping applikabbli għal importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li joriġinaw fir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2011, C 223, p. 16), skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku.

12 Fis-16 ta' April 2012, il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (KE) Nru 349/2012, li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara reviżjoni tal-iskadenza skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku (ĠU 2012, L 110, p. 3).

13 Fl-istess data, il-Kummissjoni għaddiet lir-rikorrenti d-dokument ta' informazzjoni finali li jinkludi l-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom hija pprevediet li tissuġġerixxi l-emenda tal-miżuri antidumping fis-seħħ.

14 Fl-istess ġurnata, ir-rikorrenti bagħtu lill-Kummissjoni talba għal kjarifiki dwar il-kalkolu tal-valur normali.

15 Fid-19 ta' April 2012, il-Kummissjoni bagħtet lir-rikorrenti t-tweġiba tagħha.

16 Fil-25 ta' April 2012, ir-rikorrenti bagħtu lill-Kummissjoni l-kummenti tagħhom dwar id-dokument ta' informazzjoni finali, li permezz tiegħu huma kkritikaw b'mod partikolari l-allegat bdil ta' metodu użat għall-kalkolu tal-valur normali. Barra minn hekk, ir-rikorrenti talbu laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni.

17 Fl-10 ta' Mejju 2012, waqt il-laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni, ir-rikorrenti esprimew l-oġġezzjonijiet tagħhom dwar il-pożizzjoni tagħha. Huma ppreżentaw barra minn hekk osservazzjonijiet bil-miktub fis-16 ta' Mejju u fis-7 ta' Ġunju 2012.

18 Wara l-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali li tikkonċerna ż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, fis-26 ta' Ġunju 2012 il-Kunsill adotta r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 626/2012, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012 (ĠU 2012, L 182, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"regolament ikkontestat").

19 Essenzjalment, ir-regolament ikkontestat jiċħad liż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi l-istatus ta' impriżi li joperaw fil-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq (iktar 'il quddiem is-"SES") u, wara l-istabbiliment tal-valur normali fuq il-bażi tal-informazzjoni mogħtija minn produttur li kkoopera fil-pajjiż analogu, jiġifieri l-Arġentina, iżid id-dazju antidumping applikabbli għall-prodotti mmanifatturati miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, minn 10.1 għal 13.1 % u minn 4.7 għal 8.3 %, rispettivament.

Il-proċedura u t-talbiet tal-partijiet

20 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-28 ta' Settembru 2012, ir-rikorrenti ppreżentaw dan ir-rikors.

21 B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Diċembru 2012, ir-rikorrenti talbu s-sospensjoni tal-proċedura. B'ittra ppreżentata fir-reġistru tal-Qorti Ġenerali fis-7 ta' Diċembru 2012, il-Kunsill talab ukoll is-sospensjoni tal-proċedura.

22 Fit-13 ta' Diċembru 2012, il-President tal-Ewwel Awla tal-Qorti Ġenerali laqa' t-talba għal sospensjoni għal perijodu ta' sentejn, skont l-Artikolu 77(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991.

23 Permezz ta' atti ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-31 ta' Jannar u fis-16 ta' Mejju 2013, il-Kummissjoni u Changmao Biochemical Engineering, rispettivament, talbu li jintervjenu f'dawn il-proċeduri insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

24 B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-13 ta' Novembru 2014, ir-rikorrenti talbu ż-żamma tas-sospensjoni tal-proċedura. B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-19 ta' Novembru 2014, il-Kunsill esprima l-qbil tiegħu ma' din it-talba.

25 Fis-27 ta' Jannar 2015, il-Qorti Ġenerali laqgħet it-talba għal sospensjoni sat-13 ta' April 2015, skont l-Artikolu 77(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Mejju 1991.

26 B'ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-18 ta' Mejju 2015, ir-rikorrenti talbu sospensjoni addizzjonali tal-proċedura. Madankollu, peress li l-Kunsill oġġezzjona għal din it-talba permezz ta' ittra ppreżentata fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fil-5 ta' Ġunju 2015, il-kawża ma setgħetx tiġi sospiża fuq il-bażi tal-Artikolu 77(ċ) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

27 B'att separat ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fid-29 ta' Ġunju 2015, il-Kunsill qajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà, skont l-Artikolu 114(1) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991.

28 Fit-22 ta' April 2016, skont l-Artikolu 27(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, din il-kawża ġiet assenjata lil Imħallef Relatur ġdid, fis-Sitt Awla, li, b'digriet tal-20 ta' Lulju 2016, żied mal-mertu l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u rriżerva l-ispejjeż.

29 B'deċiżjoni tad-9 ta' Settembru 2016 u b'digriet tal-15 ta' Settembru 2016, il-President tas-Sitt Awla tal-Qorti Ġenerali awtorizza l-interventi tal-Kummissjoni u ta' Changmao Biochemical Engineering, filwaqt li speċifika li, peress li t-talbiet għal intervent tagħhom kienu tressqu wara l-iskadenza

tat-terminu indikat fl-Artikolu 116(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-2 ta' Mejju 1991, huma kienu ser jiġu awtorizzati jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom waqt il-proċedura orali, fuq il-bażi tar-rapport għas-seduta li ġie kkkomunikat lilhom.

30 Peress li l-kompożizzjoni tal-Awli tal-Qorti Ġenerali nbidlet, skont l-Artikolu 27(5) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, l-Imħallef Relatur ġie assenjat lit-Tmien Awla, u konsegwentement din il-kawża ġiet assenjata lil din l-awla.

31 Fuq proposta tat-Tmien Awla, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet, skont l-Artikolu 28 tar-Regoli tal-Proċedura, li tibgħat il-kawża quddiem kulleġġ ġudikanti ikbar.

32 Ir-rikorrenti jitolbu, essenzjalment, li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiddikjara dan ir-rikors inammissibbli;

– tannulla r-regolament ikkontestat, filwaqt li żżomm fis-seħħ l-effetti tiegħu sal-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri ta' implimentazzjoni ordnati mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali;

– tikkundanna lill-Kunsill u lil kull intervenjent għall-ispejjeż.

33 Il-Kunsill jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikors bħala inammissibbli;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikors bħala infondat;

– tikkundanna lir-rikorrenti għall-ispejjeż.

34 Fuq proposta tal-Imħallef Relatur, il-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla Estiża) ddeċidiet li tiftaħ il-fażi orali tal-proċedura u, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura previsti fl-Artikolu 89(3)(a) tar-Regoli tal-Proċedura, stiednet lill-partijiet iwieġbu għal ċerti mistoqsijiet bil-miktub. Il-partijiet wieġbu dawn il-mistoqsijiet fit-termini stabbiliti.

35 Is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet u t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet orali tal-Qorti Ġenerali nstemgħu fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2017.

Id-dritt

Fuq l-ammissibbiltà

36 L-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Kunsill hija bbażata, minn naħa, fuq l-assenza ta' *locus standi* u, min-naħa l-oħra, fuq l-assenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrenti.

Fuq il-locus standi

– L-argumenti tal-partijiet

37 Il-Kunsill isostni li r-regolament ikkontestat jillimita ruħu li jżid bi ftit id-dazju antidumping fuq l-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku mmanifatturat miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, mingħajr ma jbiddel il-konstatazzjonijiet l-oħra mwettqa mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012, bħad-dumping imwettaq minn kwalunkwe produttur esportatur Ċiniż ieħor, il-ħsara sostanzjali

sostnuta mill-industrija tal-Unjoni, ir-rabta kawżali bejn id-dumping u l-ħsara u l-interess tal-Unjoni li jinżammu l-miżuri. Il-Kunsill iżid li r-regolament ikkontestat huwa strument legali ibridu. Fil-fatt, skont il-Kunsill, filwaqt li jinkludi deċiżjonijiet individwali għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, huwa jikkostitwixxi miżura ta' applikazzjoni ġenerali għar-rikorrenti. Għall-finijiet tal-ammissibbiltà tar-rikors, is-sitwazzjoni tal-produtturi esportaturi u tal-produtturi tal-Unjoni, bħalma huma r-rikorrenti, hija għalhekk fundamentalment differenti.

38 F'dan ir-rigward, il-Kunsill iqis li l-fatt li r-rikorrenti kienu wasslu għall-adozzjoni tar-regolament ikkontestat, permezz tat-talba tagħhom għal eżami mill-ġdid intermedju parzjali, ma huwiex deċiżiv. Fl-opinjoni tiegħu, jekk it-talba għal eżami mill-ġdid tagħhom kienet ġiet miċħuda, ir-rikorrenti setgħu jikkontestaw din id-deċiżjoni. Peress li l-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali nfetħet fuq it-talba tar-rikorrenti, ir-regolament ikkontestat li jirriżulta minnha huwa miżura ta' applikazzjoni ġenerali għalihom, li huma ma jistgħux jikkontestaw minħabba diversi motivi.

39 L-ewwel nett, skont il-Kunsill, ir-rikorrenti ma humiex direttament ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, li jillimita ruħu li jistabbilixxi dazju antidumping rivedut għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi. F'dan ir-rigward, il-Kunsill iżid li l-bdil fir-rata tad-dazju antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ma jistax jipproduċi effetti legali fuq ir-rikorrenti, peress li huma ma jħallsux dazju antidumping. Għalkemm ir-reviżjoni tar-rata inkwistjoni setgħet ikollha impatt ekonomiku għall-produtturi tal-Unjoni, inkluż għar-rikorrenti, din ma turix l-effett legali meħtieġ.

40 Ir-rikorrenti ma għandhomx dritt suġġettiv għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping ta' ċertu livell fil-konfront tal-kompetituri tagħhom. Minn naħa, l-impożizzjoni ta' dazji antidumping hija suġġetta għall-eżistenza ta' interess tal-Unjoni. Min-naħa l-oħra, l-industrija tal-Unjoni ma għandhiex dritt suġġettiv li dazju ta' livell preċiż jiġi stabbilit, peress li l-livell tad-dazju jiddependi fuq data kunfidenzjali ta' partijiet oħra u jirriżulta mill-evalwazzjoni ta' sitwazzjonijiet ekonomiċi, politiċi u ġuridiċi kumplessi.

41 It-tieni nett, il-Kunsill isostni li r-rikorrenti ma humiex ikkonċernati individwalment mir-regolament ikkontestat. Is-sitwazzjoni tar-rikorrenti, bħala produtturi ta' aċidu tartariku, hija analoga għal dik ta' kwalunkwe entità li teżerċita attivitajiet fis-suq tal-aċidu tartariku tal-Unjoni. F'dan ir-rigward, għandu jsir riferiment b'analoġija għall-ġurisprudenza fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat, li jimplika li r-rikorrenti għandhom juru li l-pożizzjoni tagħhom fis-suq tkun sostanzjalment affettwata mill-bidla tad-dazji antidumping imwettqa mir-regolament ikkontestat. Il-fatt biss li att jista' jkollu ċerta influwenza fuq ir-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni li jeżistu fis-suq rilevanti u li r-rikorrenti jkunu jinsabu fi kwalunkwe relazzjoni ta' kompetizzjoni mal-benefiċjarju tal-att ma huwiex biżżejjed sabiex jitqiesu li huma individwalment ikkonċernati.

42 Il-Kunsill jiċħad bħala mhux issostanzjata d-dikjarazzjoni tar-rikorrenti li l-industrija tal-aċidu tartariku tal-Unjoni tista' faċilment tisparixxi, fid-dawl tal-marġni ta' profitt tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid.

43 Barra minn hekk, il-Kunsill isostni li l-fatt li r-rikorrenti pparteċipaw b'mod attiv fil-proċedura amministrattiva ma huwiex biżżejjed sabiex jitqiesu li huma individwalment ikkonċernati. Barra minn hekk, il-livell tad-dazji antidumping ma huwiex ibbażat fuq data pprovduta mir-rikorrenti, iżda fuq data pprovduta miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi u mill-produttur li jkun ikkoopera fil-pajjiż analogu jew fuq data aċċessibbli għall-pubbliku.

44 F'dan il-kuntest, il-Kunsill iqis li l-fatt li r-regolament ikkontestat isemmi r-rikorrenti b'mod espliċitu huwa irrilevanti.

45 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni indikat li hija ssostni l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill dwar l-assenza ta' *locus standi* tar-rikorrenti. Madankollu, bi tweġiba għall-mistoqsijiet tal-Qorti Ġenerali, hija speċifikat li l-fatt li r-rikorrenti ma jħallsux dazju antidumping huwa element li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni fost oħrajn, iżda ma huwiex deċiżiv fih innifsu sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex direttament ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

46 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-oġġezzjonijiet tal-Kunsill dwar il-*locus standi* tagħhom u jsostnu li huma direttament u individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

47 Skont ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, kull persuna fiżika jew ġuridika tista', taħt il-kundizzjonijiet previsti fl-ewwel u fit-tieni paragrafu, tippreżenta rikors kontra l-atti li hija d-destinatarju tagħhom jew li jirrigwardawha direttament u individwalment, kif ukoll kontra l-atti regolamentari li jirrigwardawha direttament u li ma jinvolvux miżuri ta' implimentazzjoni.

48 Peress li r-rikorrenti ma humiex id-destinatarji tar-regolament ikkontestat, għandu jiġi eżaminat l-ewwel nett jekk humiex direttament u individwalment ikkonċernati minnu.

49 Fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti humiex direttament ikkonċernati, din il-kundizzjoni teżiġi, skont formula użata ta' spiss fil-ġurisprudenza, li l-att tal-Unjoni kkontestat ikun jipproduċi direttament effetti fuq is-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti, minn naħa, u li ma tkun ingħatat l-ebda setgħa diskrezzjonali lid-destinatarji ta' dan l-att li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tiegħu, liema implimentazzjoni jkollha natura purament awtomatika u tirriżulta biss mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mingħajr applikazzjoni ta' regoli intermedjarji oħra, min-naħa l-oħra (digrieti tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill, T-18/10, EU:T:2011:419, punt 71, u tal-14 ta' Jannar 2015, SolarWorld *et* vs Il-Kummissjoni, T-507/13, EU:T:2015:23, punt 40).

50 Peress li l-Istati Membri, li huma responsabbli għall-implimentazzjoni tar-regolament ikkontestat, ma kellhom l-ebda marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tar-rata tad-dazju antidumping u tal-impożizzjoni ta' dan id-dazju fuq il-prodotti msemmija (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Diċembru 2014, Crown Equipment (Suzhou) u Crown Gabelstapler vs Il-Kunsill, T-643/11, EU:T:2014:1076, punt 28 (mhux ippubblikata)), it-tieni rekwiżit imsemmi fil-punt 49 iktar 'il fuq huwa ssodisfatt.

51 Fir-rigward tal-ewwel wieħed minn dawn ir-rekwiżiti, kuntrarjament għal dak li jsostnu l-Kunsill u l-Kummissjoni, interpretazzjoni restrittiva tar-rekwiżit ta' inċidenza diretta tas-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti ma tistax tintlaqa'.

52 F'dan ir-rigward, għandhom jitfakkru l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:21, punt 71), li fihom intqal li ma huwiex rari li l-ġurisprudenza, ġustament, taċċetta bħala ammissibbli rikorsi għal annullament ippreżentati minn individwi kontra atti tal-Unjoni li l-effetti tagħhom fuq ir-rikorrenti ma humiex effetti ta' dritt, iżda huma essenzjalment materjali minħabba l-fatt, b'mod partikolari, li huma direttament ikkonċernati fil-kwalità tagħhom ta' operaturi f'kompetizzjoni ma' kompetituri tagħhom.

53 Fil-fatt, għalkemm il-pożizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni f'din il-kawża dwar il-kunċett ta' inċidenza diretta kienet korretta, kull rikors ippreżentat minn produttur tal-Unjoni kontra regolament li jimponi dazji antidumping għandu jkun sistematikament iddikjarat inammissibbli, kif ukoll kull rikors ippreżentat minn kompetitur tal-benefiċjarji ta' għajnuna ddikjarata kompatibbli mas-suq intern mill-Kummissjoni wara l-proċedura ta' investigazzjoni formali u kull rikors ippreżentat minn kompetitur kontra deċiżjoni li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern.

54 Issa, dawn it-tipi ta' rikorsi ġew iddikjarati ammissibbli mill-ġurisprudenza ripetutament.

55 L-ewwel nett, fil-qasam tal-antidumping, fil-kawża li wasslet għas-sentenza tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni (264/82, EU:C:1985:119, punti 12 sa 16), li kienet tikkonċerna sitwazzjoni simili ħafna għal dik f'din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja espliċitament iddeċidiet li r-regolament inkwistjoni kien jikkonċerna direttament lir-rikorrent, produttur Ewropew kompetitur li kien qies li d-dazji antidumping imposti ma kinux għoljin biżżejjed. Barra minn hekk, fil-kawżi li taw lok għas-sentenzi tat-8 ta' Lulju 1998, CECOM vs Il-Kunsill (T-232/95, EU:T:1998:158), u tat-28 ta' Ottubru 1999, EFMA vs Il-Kunsill (T-210/95, EU:T:1999:273), l-inammissibbiltà tar-rikorsi ppreżentati minn assoċjazzjonijiet ta' produtturi Ewropej kontra regolamenti li jimponu dazji antidumping li dawn il-produtturi kienu jqisu bħala mhux sodisfaċenti ma tqajmet la mill-konvenut u lanqas *ex officio*.

56 Għalkemm il-ġurisprudenza ddikjarat inammissibbli r-rikors ippreżentat minn ċertu numru ta' produtturi tal-Unjoni li jappartjenu għal assoċjazzjoni li ressqet ilment antidumping kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li taċċetta impenji tal-produtturi esportaturi fil-kuntest ta' proċedura antidumping, din il-konklużjoni rriżultat mill-fatt li din id-deċiżjoni kienet ġiet meqjusa li ma tipproduċix direttament effetti fuq ir-rikorrenti, liema effetti setgħu eventwalment jirriżultaw mir-regolament antidumping li jimplimenta l-impenji (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-14 ta' Jannar 2015, SolarWorld *et* vs Il-Kummissjoni, T-507/13, EU:T:2015:23, punti 48, 52 u 58, ikkonfermat b'digriet tal-10 ta' Marzu 2016, SolarWorld *et* vs Il-Kummissjoni, C-142/15 P, mhux ippubblikat, EU:C:2016:163, punti 24 sa 28), li huwa differenti ħafna mill-każ inkwistjoni.

57 It-tieni nett, fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, ġie deċiż ħafna drabi li kompetituri tal-impriżi benefiċjarji tal-għajnuna mill-Istat kienu direttament ikkonċernati mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddikjara l-għajnuna inkwistjoni kompatibbli mas-suq intern (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Jannar 1986, Cofaz *et* vs Il-Kummissjoni, 169/84, EU:C:1986:42, punt 30; tas-27 ta' April 1995, ASPEC *et* vs Il-Kummissjoni, T-435/93, EU:T:1995:79, punti 60 u 61, u tat-22 ta' Ottubru 1996, Skibsværftsforeningen *et* vs Il-Kummissjoni, T-266/94, EU:T:1996:153, punt 49). F'dan ir-rigward, għandu jiġi speċifikat li s-sitwazzjoni tal-kompetitur tal-benefiċjarju ta' għajnuna u dik tal-kompetitur tal-produttur esportatur li l-prodotti tiegħu huma suġġetti għal dazji antidumping allegatament insuffiċjenti huma essenzjalment komparabbli għall-finijiet tal-analiżi tal-kundizzjoni tal-inċidenza diretta fil-kuntest tal-ammissibbiltà tar-rikors.

58 It-tielet nett, jeżistu ħafna eżempji fil-ġurisprudenza ta' rikorsi ppreżentati minn kompetituri kontra deċiżjonijiet li jiddikjaraw konċentrazzjonijiet kompatibbli mas-suq intern li fihom il-kundizzjoni tal-inċidenza diretta ġiet meqjusa li hija ssodisfatta (sentenzi tad-19 ta' Mejju 1994, Air France vs Il-Kummissjoni, T-2/93, EU:T:1994:55, punt 41; tat-3 ta' April 2003, BaByliss vs Il-Kummissjoni, T-114/02, EU:T:2003:100, punt 89, u tat-30 ta' Settembru 2003, ARD vs Il-Kummissjoni, T-158/00, EU:T:2003:246, punt 60). Jirriżulta b'mod partikolari minn dawn il-kawżi li ġiet irrikonoxxuta l-inċidenza diretta tar-rikorrenti, għalkemm huma ma kinux jifformaw parti mill-konċentrazzjonijiet. Fil-fatt, peress li d-deċiżjonijiet inkwistjoni f'dawk il-kawżi ppermettew il-ħolqien immedjat tal-konċentrazzjoni, huma kienu ta' natura li jġibu bidla immedjata tas-sitwazzjoni tas-swieq ikkonċernati. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li, sa fejn ir-rieda tal-partijiet għall-konċentrazzjoni li joħolquha ma kinitx suġġetta għall-garanzija, l-operaturi ekonomiċi li jintervjenu fis-suq jew fis-swieq ikkonċernati setgħu, fid-data tad-deċiżjoni kkontestata, jiksbu modifika immedjata jew ta' malajr tal-istat tas-suq (sentenza tal-4 ta' Lulju 2006, easyJet vs Il-Kummissjoni, T-177/04, EU:T:2006:187, punti 31 u 32).

59 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi osservat li r-regolament ikkontestat itemm il-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali, li nbdiet fuq it-talba tar-rikorrenti, billi mmodifika d-dazji antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi. Fil-fatt, bil-preżentazzjoni tat-talba għal eżami mill-ġdid intermedju parzjali tagħhom taħt l-Artikolu 11(3) tar-regolament bażiku, ir-rikorrenti riedu li l-Kummissjoni u l-Kunsill jadottaw miżuri xierqa sabiex jinkiseb kontrobilanċ għad-dumping li jikkawżalhom il-ħsara. Sa fejn ir-rikorrenti wasslu għall-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali u sa fejn il-miżuri adottati fit-tmiem ta' din

il-proċedura kienu intiżi sabiex joħolqu kontrobilanċ għad-dumping li jikkawża l-ħsara li huma vittmi tagħha bħala produtturi kompetituri li joperaw fl-istess suq, huma direttament ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

60 L-argumenti mressqa mill-Kunsill u mill-Kummissjoni ma jistgħux ixejnu din il-konklużjoni.

61 L-ewwel nett, l-argument tal-Kunsill dwar il-fatt li l-modifika tad-dazji antidumping applikabbli ma tistax tipproduċi effetti legali fil-konfront tar-rikorrenti, peress li huma ma jħallsu l-ebda dazji antidumping, għandu jiġi miċħud. Dan il-fatt ma huwiex deċiżiv fih innifsu (ara, f'dan is-sens, il-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 55 iktar 'il fuq), kif il-Kummissjoni rrikonoxxiet barra minn hekk waqt is-seduta.

62 Minbarra dan, għandu jitfakkar li, kif ġie ġustament irrilevat mir-rikorrenti, lanqas iż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ma jħallsu tali dazji. Fil-fatt, dawn id-dazji jitħallsu mill-importaturi fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-Artikolu 12 tar-Regolament bażiku (li sar Artikolu 12 tar-Regolament 2016/1036), moqri fid-dawl tal-premessi 16 u 18 tiegħu (li saru l-premessi 17 u 19 tar-Regolament 2016/1036), jipprekludi t-teħid ta' responsabbiltà, jew "assorbiment", tad-dazji antidumping mill-produtturi esportaturi.

63 It-tieni nett, l-argument tal-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni waqt is-seduta, li jgħid li r-rikorrenti ma għandhomx dritt suġġettiv għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping ta' ċertu livell fil-konfront tal-kompetituri tagħhom, għandu jiġi miċħud. Minn naħa, għall-finijiet tal-evalwazzjoni tal-ammissibbiltà tar-rikors, huwa biżżejjed li jiġi eżaminat jekk ir-regolament ikkontestat għandux inċidenza diretta fuq ir-rikorrenti, li huwa l-każ għar-raġunijiet indikati iktar 'il fuq. Min-naħa l-oħra, għandu jitfakkar li, kif jirriżulta mir-rikors, ir-rikorrenti ma jsostnux li huma għandhom dritt suġġettiv għall-impożizzjoni ta' dazji antidumping ta' livell speċifiku, iżda huma jillimitaw ruħhom li jikkritikaw lill-Kunsill u lill-Kummissjoni għall-ksur tar-regoli previsti mir-Regolament bażiku fil-kalkolu tal-valur normali.

64 It-tielet nett, għandu jiġi miċħud ukoll l-argument tal-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni waqt is-seduta, li, ladarba huwa stess u l-Kummissjoni jaċċettaw li jiftħu l-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali, ir-rikorrenti ma jistgħux jikkontestaw l-eżitu ta' din il-proċedura. Jirriżulta b'mod partikolari mill-punt 16 tal-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà u mill-punt 23 tal-kontroreplika li dan l-argument jidher li huwa bbażat fuq żewġ kunsiderazzjonijiet, jiġifieri li, minn naħa, l-eżitu ta' din il-proċedura ma jistax iwassal għal riżultat inqas favorevoli għall-industrija tal-Unjoni, peress li d-dazji antidumping jew jiżdiedu jew jinżammu fil-livell tagħhom, u li, min-naħa l-oħra, l-att adottat fit-tmiem ta' din il-proċedura huwa miżura ta' portata ġenerali għar-rikorrenti.

65 It-tieni aspett ta' dan l-argument ser jiġi eżaminat fil-kuntest tal-evalwazzjoni tal-kundizzjoni dwar l-inċidenza individwali fil-punti 74 sa 91 iktar 'il quddiem. Fir-rigward tal-ewwel aspett tal-argument, dan ma jistax jintlaqa' għal żewġ raġunijiet. Minn naħa, il-Kunsill ma jirreferi għal ebda dispożizzjoni legali li tipprekludi li huwa stess u l-Kummissjoni jiddeċiedu li jimponu dazji antidumping inqas għoljin fit-tmiem tal-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedjarju, li jistgħu jipparteċipaw fiha barra minn hekk il-produtturi esportaturi msemmija. Fil-fatt, ma jistgħux jiġu ppreġudikati l-konklużjonijiet tal-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid, li jistgħu jwasslu għall-użu ta' metodu differenti jekk ikun hemm bdil fiċ-ċirkustanzi fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku (li sar Artikolu 11(9) tar-Regolament 2016/1036) jew jekk jirriżulta li l-metodu inizjalment użat imur kontra d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku (li sar Artikolu 2 tar-Regolament 2016/1036) (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill, T-221/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:258, punti 41 u 42). Min-naħa l-oħra, li kieku kellha tiġi aċċettata l-pożizzjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, huma jkollhom il-possibbiltà jaħarbu *de facto* mill-istħarriġ tal-qorti billi jillimitaw ruħhom iżidu b'mod purament marġinali d-dazji antidumping wara kull talba għal eżami mill-ġdid intermedjarju tal-industrija tal-Unjoni, minkejja li l-applikazzjoni korretta tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament bażiku kellha twassal għal żieda sinjifikattiva għola. Tali possibbiltà ma tistax tiġi aċċettata.

66 Ir-raba' nett, l-argumenti mressqa mill-Kunsill fuq il-bażi tal-ġurisprudenza sabiex tiġi kkontestata l-inċidenza diretta tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda.

67 Qabelxejn, il-Kunsill jiċċita l-punt 75 tad-digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-18/10, EU:T:2011:419), li jgħid li għalkemm ma jistax jiġi eskluż li projbizzjoni ġenerali ta' tqegħid fis-suq prevista mir-regolament ikkontestat jista' jkollha xi konsegwenzi fuq l-attività ta' persuni li jintervjenu upstream jew downstream f'dan it-tqegħid fis-suq, xorta jibqa' l-fatt li tali konsegwenzi ma jistgħux jitqiesu li jirriżultaw direttament minnu. Dan il-punt jispeċifika wkoll li, "fir-rigward tal-konsegwenzi eventwali ta' din il-projbizzjoni għandu jitfakkar li, skont il-ġurisprudenza, dawn tal-aħħar ma jikkonċernawx is-sitwazzjoni legali, iżda biss is-sitwazzjoni ta' fatt tar-rikorrenti".

68 F'dan ir-rigward, mill-qari tal-punt 75 tad-digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-18/10, EU:T:2011:419) fl-intier tiegħu jirriżulta li dan kien jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk regolament dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti mill-foki kienx jipproduċi effetti diretti biss fuq is-sitwazzjoni ta' dawk li kienu attivi f'dan is-suq jew jekk kienx jipproduċi effetti diretti wkoll fis-sitwazzjoni ta' persuni li joperaw upstream, bħall-kaċċaturi, li l-Qorti Ġenerali eskludiet peress li qieset li l-eventwali effetti kienu jkunu indiretti. Din l-interpretazzjoni hija barra minn hekk ikkonfermata mill-punti 73 sa 75 tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (C-583/11 P, EU:C:2013:21). Għaldaqstant, il-Kunsill ma jistax jinvoka insostenn tal-argument tiegħu d-digriet tas-6 ta' Settembru 2011, Inuit Tapiriit Kanatami *et* vs Il-Parlament u Il-Kunsill (T-18/10, EU:T:2011:419), liema digriet jittratta ċirkustanzi u kwistjonijiet li huma fondamentalment differenti mill-każ inkwistjoni.

69 Il-Kunsill jirreferi wkoll għall-punt 40 tad-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni (T-202/13, EU:T:2014:664), li jirrigwarda rikors għal annullament kontra direttiva. Mill-punti 36 sa 40 ta' dan id-digriet jirriżulta li huma d-dispożizzjonijiet nazzjonali li jittrasponu d-direttiva, u mhux din tal-aħħar, li jistgħu jipproduċu effetti legali fuq is-sitwazzjoni tar-rikorrenti. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li din tal-aħħar ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-allegati konsegwenzi finanzjarji li jirriżultaw mid-direttiva sabiex turi li din kienet tikkonċernaha direttament.

70 Għandu jiġi kkonstatat li ċ-ċirkustanzi u l-kwistjonijiet li jittratta d-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni (T-202/13, EU:T:2014:664), ma jistgħux jitqabblu ma' dawk ta' dan il-każ. F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma humiex qegħdin jikkontestaw direttiva u ma teżisti l-ebda miżura nazzjonali ta' transpożizzjoni li jista' jkollha inċidenza diretta fuqhom. Fil-fatt, kif irrikonoxxa l-Kunsill fit-tweġiba tiegħu għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali u waqt is-seduta, ir-regolament ikkontestat ma jinkludi l-ebda miżura ta' implimentazzjoni fuq il-pjan nazzjonali fil-konfront tar-rikorrenti. Għalkemm il-Kunsill jipprevali ruħu mill-kunsiderazzjonijiet imsemmija, sussidjarjament, fil-punt 40 tad-digriet tas-7 ta' Lulju 2014, Group'Hygiène vs Il-Kummissjoni (T-202/13, EU:T:2014:664), dwar l-assenza ta' inċidenza diretta tas-sitwazzjoni legali tar-rikorrenti, xorta jibqa' l-fatt li s-sitwazzjoni partikolari tar-rikorrenti f'dak il-każ ma tidhirx li tapplika għal din it-tilwima minkejja li, kif tfakkar fil-punt 52 iktar 'il fuq, il-ġurisprudenza taċċetta l-ammissibbiltà tar-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra atti tal-Unjoni li l-effetti fuq ir-rikorrenti huma essenzjalment effetti materjali.

71 Fl-aħħar nett, il-Kunsill jiċċita l-punti 78, 79 u 87 tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill (T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340), insostenn tal-argumenti tiegħu dwar l-assenza ta' inċidenza diretta.

72 Għandu jiġi rrilevat li l-punti 75 sa 87 tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill (T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340), kienu jikkonċernaw kwistjoni differenti minn dik f'dan il-każ. B'mod partikolari, huma kienu jirrigwardaw l-eżami tal-*locus standi* individwali, u għalhekk indipendentement mil-*locus standi*, bħala rappreżentanti tal-membri tagħhom, ta' żewġ assoċjazzjonijiet ta' produtturi Amerikani li l-prodotti tagħhom kienu ġew suġġetti għal dazji

antidumping. F'dan il-kuntest, il-Qorti Ġenerali ddeċidiet li l-assoċjazzjonijiet rikorrenti ma kinux affettwati individwalment mir-regolament antidumping li jkopri l-prodotti tal-membri tagħhom, ħlief f'dak li jirrigwarda motiv intiż għas-salvagwardja tad-drittijiet proċedurali tagħhom minħabba l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura antidumping. Minn dan jirriżulta li l-punti 78, 79 u 87 tas-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill (T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340), ma jistgħux isostnu l-argument tal-Kunsill.

73 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jitqies li r-rikorrenti huma direttament ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

74 F'dak li jirrigwarda l-kwistjoni dwar jekk ir-rikorrenti kkonċernati humiex individwalment ikkonċernati, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-persuni distinti mid-destinatarji tad-deċiżjoni jistgħu jippretendu biss li jkunu kkonċernati fis-sens tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE fil-każ li dan l-att jolqothom minħabba ċerti kwalitajiet partikolari għalihom jew minħabba ċirkustanzi fejn huma jistgħu jiġu ddifferenzjati mill-persuni l-oħra kollha, u minħabba dawn il-fatturi tindividwalizzahom bl-istess mod bħal fil-każ tad-destinatarju (sentenza tal-15 ta' Lulju 1963, Plaumann vs Il-Kummissjoni, 25/62, EU:C:1963:17, p. 223).

75 Għal dak li jirrigwarda, b'mod iktar partikolari, il-qasam tal-antidumping, għalkemm huwa minnu li, fir-rigward tal-kriterji tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, ir-regolamenti li jimponu dazji antidumping għandhom, min-natura u mill-portata tagħhom, natura normattiva, peress li japplikaw għall-ġeneralità tal-operaturi ekonomiċi interessati, madankollu ma huwiex eskluż li dawn ir-regolamenti jistgħu jikkonċernaw individwalment ċerti operaturi ekonomiċi (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' April 2015, TMK Europe, C-143/14, EU:C:2015:236, punt 19).

76 Minn dan jirriżulta li l-atti li jimponu dazji antidumping jistgħu, f'ċerti ċirkustanzi, mingħajr ma jitilfu n-natura regolatorja tagħhom, jikkonċernaw individwalment lil ċerti operaturi ekonomiċi, li għandhom, għaldaqstant, *locus standi* sabiex jirrappreżentaw rikors għall-annullament ta' dawn l-atti (sentenza tas-16 ta' Mejju 1991, Extramet Industrie vs Il-Kunsill, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 14).

77 Ir-rikonoxximent tad-dritt ta' ċerti kategoriji ta' operaturi ekonomiċi li jippreżentaw rikors għall-annullament ta' regolament antidumping ma jistax madankollu jipprekludi lil operaturi oħra milli jkunu wkoll individwalment ikkonċernati minn tali regolament, minħabba ċerti karatteristiċi partikolari tagħhom (sentenzi tas-16 ta' Mejju 1991, Extramet Industrie vs Il-Kunsill, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 16, u tas-16 ta' April 2015, TMK Europe, C-143/14, EU:C:2015:236, punt 22). F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li ma teżisti l-ebda lista eżawrjenti tal-kriterji li għalihom għandha tikkorrispondi s-sitwazzjoni tar-rikkorrenti, b'tali mod li r-rikorrenti jistgħu jirreferu għall-eżistenza ta' numru ta' elementi li jikkostitwixxu sitwazzjoni partikolari (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 1991, Extramet Industrie vs Il-Kunsill, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 17).

78 Għall-finijiet ta' din l-analiżi, għandu jiġi eżaminat, minn naħa, ir-rwol tar-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura antidumping u, min-naħa l-oħra, il-pożizzjoni tagħhom fis-suq kopert mir-regolament ikkontestat (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 264/82, EU:C:1985:119, punti 12 sa 15; tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill, T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340, punt 122, u tad-9 ta' Ġunju 2016, Marquis Energy vs Il-Kunsill, T-277/13, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:343, punt 84).

79 L-ewwel nett, mill-ġurisprudenza jirriżulta li l-parteċipazzjoni attiva tar-rikorrent fil-proċedura amministrattiva, pereżempju permezz ta' lment, tal-komunikazzjoni ta' data, tas-sottomissjoni ta' osservazzjonijiet bil-miktub jew tal-parteċipazzjoni f'seduta, tikkostitwixxi element rilevanti sabiex tiġi stabbilita l-inċidenza individwali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tas-16 ta' April 2015, TMK Europe, C-143/14, EU:C:2015:236, punti 24 sa 26, u tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill, T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340, punti 123 sa 127).

80 It-tieni nett, sabiex jiġi evalwat jekk il-pożizzjoni tar-rikorrent fis-suq ġietx affettwata, il-qorti tal-Unjoni tibbaża ruħha fuq sensiela ta' elementi bħall-istruttura kkonċentrata jew frammentata tas-suq, il-pożizzjoni tar-rikorrent u tal-kompetitur inkwistjoni f'termini assoluti u relattivi fis-suq jew l-estent tal-impatt tal-att kontenzjuż fuq l-attivitajiet tar-rikorrent (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 264/82, EU:C:1985:119, punti 15; tas-16 ta' Mejju 1991, Extramet Industrie vs Il-Kunsill, T-276/13, C-358/89, EU:C:1991:214, punt 17; u tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill, T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340, punti 128 u tad-9 ta' Ġunju 2016, Marquis Energy vs Il-Kunsill, T-277/13, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:343, punt 90).

81 Mill-evalwazzjoni mwettqa ta' din is-sensiela ta' elementi mill-qorti tal-Unjoni jista' jiġi dedott li iktar ma jkunu diretti r-relazzjonijiet ta' kompetizzjoni bejn ir-rikorrent u l-kompetitur inkwistjoni, minħabba li n-numru ta' operaturi attivi fis-suq ikun żgħir jew minħabba li l-impriża inkwistjoni tkun il-kompetitriċi prinċipali tar-rikorrent, u iktar ma jkunu sinjifikattivi l-konsegwenzi negattivi għal dan tal-aħħar, iktar hemm lok li jiġi konkluż li huwa individwalment ikkonċernat mill-att ikkontestat.

82 Huwa fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li għandha tiġi eżaminata s-sitwazzjoni tar-rikorrenti sabiex jiġi ddeterminat jekk humiex individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat.

83 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċedura amministrattiva, kriterju li la huwa indispensabbli u lanqas suffiċjenti fih innifsu, iżda li huwa madankollu rilevanti, mill-premessa 2 tar-regolament ikkontestat jirriżulta li r-rikorrenti kienu wasslu għall-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedju parzjali minħabba t-talba tagħhom imressqa, fid-9 ta' Ġunju 2011, taħt l-Artikolu 11(3) tar-Regolament bażiku. Barra minn hekk, mill-premessa 2 tar-regolament ikkontestat jirriżulta wkoll li r-rikorrenti huma identifikati fih b'isimhom, li, kuntrarjament għal dak allegat mill-Kunsill, huwa element rilevanti flimkien ma oħrajn għall-evalwazzjoni tal-inċidenza individwali tagħhom. Minbarra dan, huma ssottomettew osservazzjonijiet bil-miktub tal-inqas ħames darbiet matul il-proċedura ta' eżami mill-ġdid intermedjarju, dwar iċ-ċaħda tas-SES liż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi u l-metodu ta' kalkolu tal-valur normali applikat mill-Kummissjoni. Huma pparteċipaw ukoll għal laqgħa mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni fl-10 ta' Mejju 2012. Barra minn hekk, jirriżulta b'mod partikolari mill-premessi 39 u 41 tar-regolament ikkontestat li dan jiċħad ċerti argumenti mressqa mir-rikorrenti matul il-proċedura ta' eżami mill-ġdid.

84 Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti pparteċipaw b'mod attiv fil-proċedura amministrattiva u kkontribwixxew b'mod sinjifikattiv għall-iżvolġiment tagħha, kif ukoll għall-eżitu tagħha.

85 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kriterju dwar l-effett tal-pożizzjoni tar-rikorrenti fis-suq, minkejja li l-ġurisprudenza tradizzjonali fil-qasam ta' antidumping ma tistabbilixxix b'mod ġenerali r-rekwiżit li l-effett tal-pożizzjoni tar-rikorrenti fis-suq ikkonċernat għandu jkun sostanzjali, bħal fil-qasam ta' għajnuna mill-Istat, ir-raġunament applikat huwa materjalment identiku. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma ressqu l-ebda prinċipju li jippermetti l-applikazzjoni ta' kriterji ta' ammissibbiltà inqas stretti fil-qasam ta' antidumping, kif huma jallegaw. Minbarra dan, il-ġurisprudenza iktar reċenti tal-Qorti Ġenerali tirreferi għar-rekwiżit ta' effett sostanzjali tal-pożizzjoni fis-suq (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-9 ta' Ġunju 2016, Growth Energy u Renewable Fuels Association vs Il-Kunsill, T-276/13, taħt appell, EU:T:2016:340, punti 122 u 128, u tad-9 ta' Ġunju 2016, Marquis Energy vs Il-Kunsill, T-277/13, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:343, punti 84 u 90). Għaldaqstant, l-argument tal-Kunsill li huma r-rikorrenti li għandhom juru li l-pożizzjoni tagħhom fis-suq ġiet sostanzjalment affettwata huwa fondat.

86 Fir-rigward tal-kundizzjoni tal-effett sostanzjali tal-pożizzjoni tar-rikorrenti fis-suq fid-dawl taċ-ċirkustanza tal-każ inkwistjoni, għandu jiġi qabelxejn irrilevat li l-Kunsill stess jammetti li r-regolament ikkontestat ma jqegħidx f'dubju l-konstatazzjonijiet stabbiliti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012 li jirrigwarda l-eżistenza ta' ħsara sinjifikattiva sostnuta mill-industrija tal-Unjoni kif ukoll l-eżistenza ta' rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet li joriġinaw miċ-Ċina, inklużi

dawk taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, u l-imsemmija ħsara. Dawn il-konstatazzjonijiet, li ma humiex ikkontestati mill-partijiet, huma importanti sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrenti kinux individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, intiż għall-adozzjoni tal-miżuri antidumping xierqa.

87 B'mod iktar speċifiku, ir-rikorrenti jsostnu li l-produzzjoni tagħhom tirrappreżenta 73 % tal-produzzjoni ta' aċidu tartariku tal-industrija tal-Unjoni, mingħajr ma dan huwa kontradett mill-Kunsill u mill-Kummissjoni. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni tirrileva li l-industrija tal-Unjoni kellha sehem fis-suq ta' 44 % fl-2012. Ir-rikorrenti sostnew ukoll waqt is-seduta, mingħajr ma dan ġie kkontestat mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, li dawn kienu jinkludu l-produtturi prinċipali tal-industrija tal-Unjoni, inkluż il-produttur l-iktar importanti, jiġifieri Distillerie Mazzari. Barra minn hekk, mis-sottomissjonijiet tar-rikorrenti u mill-premessa 58 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012 jirriżulta li s-suq inkwistjoni huwa kkaratterizzat minn numru ristrett ta' produtturi fl-Unjoni u li dan huwa għalhekk relattivament ikkonċentrat.

88 Minbarra dan, ir-rikorrenti jsostnu li, bħala kompetituri taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, huma soffrew l-effetti negattivi serji tal-prattiki ta' dumping, b'mod partikolari telf ta' ishma fis-suq u telf ta' impjiegi ta' 28 % u li tali prattiki jistgħu joħolqu r-riskju li jiġu eliminati mis-suq. Minkejja li l-Kunsill jikkontesta l-allegat riskju ta' eliminazzjoni mis-suq tar-rikorrenti, għandu jiġi kkonstatat li l-premessi 75 u 77 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012, adottat xahrejn biss qabel ir-regolament ikkontestat, jindikaw tnaqqis tas-sehem fis-suq tal-produtturi tal-Unjoni ta' iktar minn 7 punti bejn l-2007 u l-2010 kif ukoll tnaqqis ta' 28 % tal-livell ta' impjieg matul l-istess perijodu. Barra minn hekk, il-premessa 80 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012 tindika li l-industrija tal-Unjoni baqgħet vulnerabbli għall-effetti dannużi tad-dumping. Għaldaqstant, ma jistax jiġi miċħud li r-rikorrenti kienu qegħdin isofru l-effetti negattivi serji tal-prattiki ta' antidumping li r-regolament ikkontestat kien intiż li jelimina. Minbarra dan, skont il-premessa 62 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012, il-volum tal-importazzjonijiet fl-Unjoni tal-prodott inkwistjoni li kien ġej minn produtturi esportaturi Ċiniżi li kienu s-suġġett ta' miżuri antidumping laħaq sehem fis-suq ta' iktar minn 12 % fl-2010, li huwa kunsiderevoli.

89 Waqt is-seduta, il-Kummissjoni sostniet li l-kunsiderazzjonijiet dwar Changmao Biochemical Engineering, preżenti għas-seduta, ma jistgħux jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi eżaminat l-effett sostanzjali tal-pożizzjoni fis-suq tar-rikorrenti. Dan l-argument ma jistax jintlaqa' għal diversi raġunijiet. Qabelxejn, għandu jitfakkar li r-regolament ikkontestat kien intiż għall-adozzjoni ta' dazji antidumping xierqa sabiex jinkiseb kontrobilanċ għad-dumping marbut mal-importazzjonijiet tal-prodotti ta' Changmao Biochemical Engineering u ta' Ninghai Organic Chemical Factory. Barra minn hekk, fil-fatt twettqu importazzjonijiet ta' prodotti ta' Changmao Biochemical Engineering. Minbarra dan, fil-mument tal-preżentata tar-rikors, ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn il-kunsiderazzjonijiet relatati ma' Changmao Biochemical Engineering ma kellhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni sabiex jiġi stabbilit jekk ir-rikorrenti kinux individwalment ikkonċernati. Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li s-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372), annullat ir-regolament ikkontestat biss minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża fir-rigward ta' Changmao Biochemical Engineering. Fl-aħħar nett, bħalma huwa indikat fil-punti 105 sa 113 iktar 'il quddiem, ir-rikorrenti għandhom interess ġuridiku wkoll sabiex jiġi evitat li l-illegalitajiet ikkritikati lilhom ma jerġgħux iseħħu fil-futur, b'mod partikolari fil-kuntest taż-żamma prevista tad-dazji antidumping.

90 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fid-19 ta' April 2017, il-Kummissjoni ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* n-notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU 2017, C 122. p. 8), skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku. Minn dan jirriżulta li l-Kunsill u l-Kummissjoni jipprevedu ż-żamma tad-dazji antidumping għall-prodotti tal-produtturi esportaturi kollha msemmija, inkluż Changmao Biochemical Engineering.

91 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li r-rikorrenti għandhom kwalitajiet partikolari bħala kompetituri taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi u huma f'sitwazzjoni ta' fatt li tikkaratterizzahom u tindividwalizzahom b'mod analogu għal dik tad-destinatarji tar-regolament ikkontestat.

92 Barra minn hekk, peress li dan ma jimponix dazji antidumping fuq il-prodotti tar-rikorrenti, ir-regolament ikkontestat ma jistax bħala prinċipju jinkludi miżuri ta' implimentazzjoni fuq il-livell nazzjonali fil-konfront tagħhom, għad-differenza tas-sitwazzjoni tal-produttur esportatur jew tal-importatur ta' prodotti suġġetti għal dazji antidumping (ara, f'dan is-sens, id-digriet tal-21 ta' Jannar 2014, Bricmate vs Il-Kunsill, T-596/11, mhux ippubblikat, EU:T:2014:53, punti 71 sa 73). Minn dan jirriżulta li r-rikorrenti ma għandhomx bħala prinċipju rimedji ġudizzjarji alternattivi fuq il-pjan nazzjonali sabiex jasserixxu l-allegata illegalità tar-regolament ikkontestat.

93 Minkejja li fatt bħal dan ma jistax iwassal sabiex titwarrab il-kundizzjoni dwar l-inċidenza individwali, li hija espressament prevista mit-Trattat FUE, għandu jitfakkar li l-kundizzjoni li persuna tista' tippreżenta rikors sabiex tikkontesta regolament biss jekk din tkun ikkonċernata mhux biss direttament iżda wkoll individwalment għandha tiġi interpretata fid-dawl tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva b'teħid inkunsiderazzjoni tad-diversi ċirkustanzi li jkunu ta' natura li jindividwalizzaw rikorrent (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-25 ta' Lulju 2002, Unión de Pequeños Agricultores vs Il-Kunsill, C-50/00 P, EU:C:2002:462, punt 44; tal-1 ta' April 2004, Il-Kummissjoni vs Jégo-Quéré, C-263/02 P, EU:C:2004:210, punt 36, u tat-28 ta' April 2015, T & L Sugars u Sidul Açúcares vs Il-Kummissjoni, C-456/13 P, EU:C:2015:284, punt 44).

94 Fid-dawl ta' dawn l-elementi kollha, għandu jitqies li r-rikorrenti huma direttament u individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, fis-sens tat-tieni parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE.

95 Fid-dawl ta' din il-konklużjoni ma hemmx lok li l-Qorti Ġenerali tiddeċiedi dwar il-*locus standi* tar-rikorrenti skont it-tielet parti tas-sentenza tar-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE, dwar l-ammissibbiltà ta' rikors ippreżentat kontra att regolatorju li jikkonċerna r-rikorrenti direttament u li ma jinkludix miżuri ta' implimentazzjoni, kwistjonijiet li fir-rigward tagħhom il-partijiet ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom bi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali u waqt is-seduta.

Fuq l-interess ġuridiku

– L-argumenti tal-partijiet

96 Il-Kunsill isostni li r-rikorrenti ma għandhom l-ebda interess fl-annullament tar-regolament ikkontestat, minħabba li dan l-annullament jimplika li d-dazji antidumping stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 349/2012, inqas għoljin, isiru applikabbli b'mod retroattiv mid-data ta' dħul fis-seħħ tar-regolament ikkontestat.

97 Huwa jżid li l-kundizzjonijiet għaż-żamma tal-effetti tar-regolament ikkontestat skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE ma humiex issodisfatti. B'mod partikolari, huwa importanti li jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi tal-importaturi, li jkollhom iħallsu dazji antidumping illegali sal-adozzjoni ta' regolament ġdid.

98 Bi tweġiba għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali fuq il-konsegwenzi tas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372), il-Kunsill isostni li din it-tilwima ma għadx għandha skop f'dak li jirrigwarda d-dazji antidumping

imposti fuq il-prodotti ta' Changmao Biochemical Engineering. Għaldaqstant, is-suġġett ta' din it-tilwima hija limitata għad-dazji antidumping imposti fuq il-prodotti ta' Ninghai Organic Chemical Factory.

99 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-interess ġuridiku, il-Kummissjoni sostniet waqt is-seduta li n-natura tal-illegalitajiet ikkritikati lilha ma kinux tali li setgħu jerġgħu jseħħu fil-futur indipendentement miċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża, fis-sens tas-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill (T-199/04 RENV, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:740). Fil-fatt, l-illegalitajiet ikkritikati huma strettament marbuta maċ-ċirkustanzi tal-kawża.

100 Ir-rikorrenti jikkontestaw l-oġġezzjonijiet dwar l-interess ġuridiku tagħhom.

– *Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali*

101 Skont ġurisprudenza stabbilita, rikors għal annullament imressaq minn persuna fiżika jew ġuridika huwa ammissibbli biss sa fejn ir-rikorrent ikollu interess li l-att inkwistjoni jiġi annullat (ara s-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2001, Euroalliages vs Il-Kummissjoni, T-188/99, EU:T:2001:166, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan jippreżupponi li r-rikors jista', permezz tar-riżultat tiegħu, iġib benefiċċju għall-parti li tippreżentah (ara s-sentenza tas-17 ta' April 2008, Flaherty *et* vs Il-Kummissjoni, C-373/06 P, C-379/06 P u C-382/06 P, EU:C:2008:230, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

102 F'dan il-każ, ir-rikorrenti ma humiex qegħdin jitolbu l-impożizzjoni retroattiva ta' dazji antidumping iktar għoljin iżda s-sostituzzjoni tad-dazji li jirriżultaw mir-regolament ikkontestat mid-data ta' adozzjoni tal-eventwali regolament ġdid tal-Kunsill. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, ma jistax jiġi dedott li t-talba tar-rikorrenti tinjora l-kunsiderazzjonijiet imperattivi ta' ċertezza legali li jirrigwardaw l-interessi kollha involuti, kemm pubbliċi kif ukoll privati (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2010, Winner Wetten, C-409/06, EU:C:2010:503, punt 66).

103 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, meta rikors ma huwiex intiż għat-tneħħija tal-effetti li jirriżultaw mill-att ikkontestat, iżda għas-sostituzzjoni tagħhom permezz ta' miżura ta' portata iktar stretta li tinkludi l-impożizzjoni ta' dazju antidumping iktar għoli, il-qorti tal-Unjoni tista' tagħmel użu mill-possibbiltà mogħtija mit-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE sabiex jinżamm id-dazju antidumping stabbilit mir-regolament li huwa kkontestat sakemm l-istituzzjonijiet kompetenti jieħdu l-miżuri meħtieġa għall-eżekuzzjoni tas-sentenza (sentenza tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 264/82, EU:C:1985:119, punt 32; ara wkoll, b'analoġija, is-sentenza tad-29 ta' Ġunju 2000, Medici Grimm vs Il-Kunsill, T-7/99, EU:T:2000:175, punt 55).

104 F'dawn iċ-ċirkustanzi, ir-rikorrenti għandhom interess jitolbu l-annullament tar-regolament ikkontestat, li jista' jkun ta' benefiċċju għalihom. Għaldaqstant, l-argument tal-Kunsill għandu jiġi miċħud.

105 Fir-rigward tal-kwistjoni tal-effetti tas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372), kif jirriżulta mit-tweġibiet għall-mistoqsijiet bil-miktub tal-Qorti Ġenerali, il-partijiet jaqblu dwar il-fatt li din it-tilwima ma hijiex kompletament mingħajr skop minħabba dik is-sentenza, sa fejn il-Kunsill ma jikkontestax li din it-tilwima tibqa' żżomm l-iskop tagħha tal-inqas f'dak li jirrigwarda l-applikazzjoni tar-regolament ikkontestat għall-prodotti ta' Ninghai Organic Chemical Factory.

106 Fil-fatt, ir-regolament ikkontestat ġie annullat biss f'dak li jirrigwarda Changmao Biochemical Engineering u jibqa' għalhekk kompletament fis-seħħ fir-rigward il-prodotti tal-produttur esportatur l-ieħor imsemmi, jiġifieri Ninghai Organic Chemical Factory. Barra minn hekk, huwa ġie annullat minħabba ksur tad-drittijiet tad-difiża.

107 Skont il-ġurisprudenza, fil-kuntest tal-annullament ta' att għal ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali, il-proċedura intiża għas-sostituzzjoni tal-att annullat tista' bħala prinċipju titkompla mill-punt preċiż li fih titwettaq l-illegalità (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-15 ta' Ottubru 2002, Limburgse Vinyl Maatschappij *et* vs Il-Kummissjoni, C-238/99 P, C-244/99 P, C-245/99 P, C-247/99 P, C-250/99 P sa C-252/99 P u C-254/99 P, EU:C:2002:582, punti 45 u 73).

108 Mill-ġurisprudenza jirriżulta wkoll li rikorrent jista' jżomm interess jitlob l-annullament ta' att ta' istituzzjoni tal-Unjoni sabiex jippermetti li jiġi evitat li fil-futur terġa' sseħħ l-illegalità li dan huwa allegatament ivvizzjat biha (sentenzi tas-7 ta' Ġunju 2007, Wunenburger vs Il-Kummissjoni, C-362/05 P, EU:C:2007:322, punt 50, u tat-18 ta' Marzu 2009, Shanghai Excell M&E Enterprise u Shanghai Adeptech Precision vs Il-Kunsill, T-299/05, EU:T:2009:72, punt 48).

109 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li, fil-kuntest ta' dan ir-rikors, ir-rikorrenti jikkontestaw għal diversi raġunijiet il-metodu li ntagħżel mill-Kunsill u mill-Kummissjoni, fir-regolament ikkontestat, sabiex jiġi kkalkolat il-valur normali u għaldaqstant il-marġni ta' dumping, metodu li jista' jerġa' jintuża fil-futur, b'mod partikolari fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' aċidu tartariku li jkunu joriġinaw miċ-Ċina.

110 Barra minn hekk, għandu jiġi miċħud l-argument tal-Kummissjoni bbażat fuq is-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill (T-199/04 RENV, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:740), li l-irregolaritajiet ikkritikati f'dan il-każ huma strettament marbuta maċ-ċirkustanzi tal-kawża u ma jistgħux jerġgħu jitwettqu indipendentement minnha. Minn naħa, l-użu ta' metodu żbaljat għall-kalkolu tal-valur normali jista' jerġa' jseħħ fil-futur indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-każ. Min-naħa l-oħra, l-element determinanti msemmi fis-sentenza tal-15 ta' Diċembru 2016, Gul Ahmed Textile Mills vs Il-Kunsill (T-199/04 RENV, mhux ippubblikata, taħt appell, EU:T:2016:740) huwa l-fatt li l-irregolaritajiet jistgħu jerġgħu jseħħu fil-futur, minkejja li l-att ikkontestat ikun waqaf milli jipproduċi l-effetti tiegħu, u mhux li din il-possibbiltà teżisti indipendentement miċ-ċirkustanzi tal-kawża.

111 Barra minn hekk, bħalma huwa indikat fil-punt 90 iktar 'il fuq, fid-19 ta' April 2017, il-Kummissjoni ppubblikat in-notifika ta' bidu ta' rieżami ta' skadenza tal-miżuri antidumping applikabbli għall-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġina miċ-Ċina.

112 Minn dan jirriżulta li l-Kummissjoni bħalissa għandha l-intenzjoni li żżomm il-miżuri li jirriżultaw mir-regolament ikkontestat u li għadhom fis-seħħ fir-rigward tal-prodotti ta' Ninghai Organic Chemical Factory, bla ħsara għall-possibbiltà li jittieħdu l-miżuri xierqa għall-korrezzjoni tal-ksur tar-rekwiżiti formali essenzjali kkonstatati, fir-rigward ta' Changmao Biochemical Engineering, permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372).

113 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-rikorrenti għandhom interess ġuridiku. Għaldaqstant, ir-rikors għandu jiġi ddikjarat ammissibbli.

Fuq il-mertu

114 Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti jinvokaw ħames motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku minħabba l-bdil tal-metodu użat għall-kalkolu tal-valur normali, it-tieni wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku [li sar l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament 2016/1036], moqri flimkien mal-Artikolu 2(1) sa (3) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 2(1) sa (3) tar-Regolament 2016/1036), minħabba l-użu ta' valur normali stabbilit minflok il-prezzijiet ta' bejgħ interni effettivament applikati fil-pajjiż analogu, it-tielet wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku fl-istabbiliment tal-valur normali fuq il-bażi tal-ispejjeż f'pajjiż

differenti mill-pajjiż analogu, ir-raba' wieħed, fuq il-ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku fl-istabbiliment tal-valur normali bl-użu ta' materja prima li ma kinitx ekwivalenti u, il-ħames wieħed, fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża u l-obbligu ta' motivazzjoni.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

– L-argumenti tal-partijiet

115 Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jsostnu li r-regolament ikkontestat jikser l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku sa fejn il-Kunsill bidel il-metodu użat għall-kalkolu tal-valur normali, mingħajr ma dan huwa ġġustifikat minn bdil fiċ-ċirkustanzi. B'mod partikolari, huma jikkritikaw ir-regolament ikkontestat peress li stabbilixxa l-valur normali minflok ma għamel użu mill-prezzijiet interni effettivi ta' bejgħ.

116 Minkejja li r-rikorrenti jammettu li kien inevitabbli li l-metodu għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, li ma kinux għadhom eliġibbli għas-SES, kellu jinbidel bl-użu ta' pajjiż analogu, huma jqisu li l-Kunsill kellu jibbaża ruħu fuq il-prezzijiet interni effettivi ta' bejgħ fil-pajjiż analogu, kif kien għamel għall-investigazzjoni inizjali għall-produtturi esportaturi li ma kinux talbu s-SES.

117 Il-Kunsill, sostnut mill-Kummissjoni f'dak li jirrigwarda dan il-motiv, jiċħad l-argumenti tar-rikorrenti.

118 B'mod iktar speċifiku, il-Kunsill jirrileva li, waqt l-investigazzjoni inizjali, iż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi bbenefikaw mis-SES u, għaldaqstant, il-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi tal-prezzijiet interni effettivi ta' bejgħ tagħhom, skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku [li sar l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament 2016/1036]. Skont il-Kunsill, fid-dawl tal-fatt li r-regolament ikkontestat ikkonkluda li l-kundizzjonijiet li jippermettulhom jibbenefikaw mis-SES ma kinux iktar issodisfatti, il-metodu użat waqt l-investigazzjoni inizjali għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ma setax jiġi użat u l-valur normali kellu jiġi kkalkolat skont l-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku ma japplikax f'dan il-każ.

119 Il-Kunsill iqis li, fil-fatt, ir-rikorrenti qegħdin isostnu li r-regolament ikkontestat kellu japplika għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi l-istess metodu li ġie applikat waqt l-investigazzjoni inizjali fir-rigward tal-produtturi esportaturi l-oħra kollha li ma kinux ikkooperaw. Fl-opinjoni tiegħu, dan l-argument għandu jiġi miċħud, peress li l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku jikkonċerna l-applikazzjoni tal-istess metodu għall-istess entità ekonomika waqt investigazzjonijiet inizjali u ta' eżami mill-ġdid. Għaldaqstant, il-Kunsill jiċħad l-argument li investigazzjoni unika titwettaq għall-esportazzjonijiet kollha tal-prodott ikkonċernat li joriġina miċ-Ċina. Fil-fatt, ħafna metodi huma applikati b'mod simultanju waqt investigazzjoni abbażi tas-sitwazzjoni speċifika ta' kull produttur esportatur, skont jekk ikunx inkluż jew le fil-kampjun, u jekk jikkooperax jew le.

120 Barra minn hekk, l-interpretazzjoni tar-rikorrenti tħassar kull distinzjoni bejn il-produtturi esportaturi li jkunu kkooperaw u l-produtturi esportaturi li ma jkunux ikkooperaw, li jmur kontra l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni.

121 Minbarra dan, il-Kunsill jirrileva li, waqt l-investigazzjoni inizjali, il-marġni ta' dumping taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi ġiet ikkalkolata fuq il-bażi ta' data relatata mal-proċess ta' produzzjoni sintentika. L-interpretazzjoni tar-rikorrenti twassal li għall-ewwel darba il-kalkolu tal-valur normali jiġi bbażat fuq data relatata mal-proċess ta' produzzjoni naturali, filwaqt li l-prezz ta' esportazzjoni jkun dejjem ikkalkolat fuq il-bażi ta' data relatata mal-proċess ta' produzzjoni sintetika, li tfixkel il-paragun tagħhom.

122 Fl-aħħar nett, il-Kunsill jirreferi għall-obbligu li jitwettaq paragun ġust, li jirriżulta mill-Artikolu 11(9) moqri flimkien mal-Artikolu 2(10) u (11) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 2(10) u (11) tar-Regolament 2016/1036). Minkejja li tirrikonoxxi li l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku jikkonċerna l-paragun bejn il-valur normali u l-prezz ta' esportazzjoni, din id-dispożizzjoni timplika wkoll li huwa għandu jiżgura wkoll li dan il-kalkolu tal-valur normali jitwettaq b'tali mod li jippermetti li l-paragun sussegwenti jkun ġust. F'dan il-każ, fid-dawl tad-differenzi fil-proċessi ta' produzzjoni fl-Arġentina u fiċ-Ċina, ma kienx ikun ġust li jintużaw il-prezzijiet effettivi ta' bejgħ tal-produttur Arġentin bħala bażi.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

123 Permezz tal-ewwel motiv, ir-rikorrenti jikkritikaw essenzjalment lill-Kunsill għall-fatt li huwa stabbilixxa l-valur normali użat għall-kalkolu tal-marġni ta' dumping taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, minflok ma għamel użu mill-prezzijiet interni effettivi ta' bejgħ fil-pajjiż analogu, bħalma huwa kien għamel għall-produtturi li ma kinux jibbenefikaw mis-SES waqt l-investigazzjoni inizjali. Skont ir-rikorrenti, proċedura bħal din tmur kontra l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

124 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li r-regoli għall-kalkolu tal-valur normali huma stabbiliti fl-Artikolu 2(1) sa (7) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 2(1) sa (7) tar-Regolament 2016/1036). Għall-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq u li huwa membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) fid-data tal-ftuħ tal-investigazzjoni, il-valur normali huwa ddeterminat bħala prinċipju skont il-metodu speċifiku previst fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku. Skont dan il-metodu, il-valur normali huwa ddeterminat b'mod partikolari fuq il-bażi tal-prezz jew tal-valur stabbilit f'pajjiż terz li għandu ekonomija tas-suq, jiġifieri l-pajjiż analogu.

125 Bħala eċċezzjoni, skont l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament bażiku, f'dak li jirrigwarda l-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiż li ma għandux ekonomija tas-suq, il-valur normali għandu jiġi ddeterminat skont l-Artikolu 2(1) sa (6) ta' dan ir-regolament meta huwa stabbilit li l-kundizzjonijiet ta' ekonomija ta' suq jipprevalu għal dan jew dawn il-produtturi (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2004, Shanghai Teraoka Electronic vs Il-Kunsill, T-35/01, EU:T:2004:317, punt 50, u tas-26 ta' Settembru 2012, LIS vs Il-Kummissjoni, T-269/10, mhux ippubblikata, EU:T:2012:474, punt 39). Għandu jitfakkar li l-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku jinkludi regoli applikabbli għad-determinazzjoni tal-valur normali għall-importazzjonijiet li joriġinaw minn pajjiżi li għandhom ekonomija tas-suq.

126 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, fl-investigazzjonijiet kollha ta' eżami mill-ġdid, il-Kummissjoni tapplika, sa fejn iċ-ċirkustanzi ma jkunux inbidlu, l-istess metodu bħal dak użat waqt l-investigazzjoni li tkun wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju, b'teħid inkunsiderazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

127 Mill-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku jirriżulta li, bħala regola ġenerali, fil-kuntest ta' eżami mill-ġdid, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom japplikaw l-istess metodu, anki għat-tqabbil tal-prezz ta' esportazzjoni u l-valur normali, bħall-metodu użat waqt l-investigazzjoni inizjali li tkun wasslet għall-impożizzjoni tad-dazju. Din l-istess dispożizzjoni tipprevedi eċċezzjoni li tippermetti lill-istituzzjonijiet li japplikaw metodu differenti minn dak użat waqt l-investigazzjoni inizjali sa fejn iċ-ċirkustanzi jkunu nbidlu. Mill-istess dispożizzjoni jirriżulta li l-metodu applikat għandu jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill, T-221/05, mhux ippubblikata, EU:T:2008:258, punti 41 u 42).

128 Huwa fid-dawl ta' dawn il-prinċipji li dan il-każ għandu jiġi eżaminat.

129 Mill-premessi 18 sa 28 tar-Regolament provviżorju u mill-premessa 13 tar-Regolament definittiv jirriżulta li, waqt l-investigazzjoni inizjali, f'dak li jirrigwarda ż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, li kienu wrew li l-kundizzjonijiet ta' ekonomija tas-suq kienu jipprevalixxu għalihom u li, għaldaqstant, kienu bbenefikaw mis-SES, il-Kummissjoni kkalkolat il-valur normali skont regoli previsti fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-prezz intern reali ta' bejgħ ffatturat minn kull produttur esportatur. Fir-rigward tal-produtturi esportaturi li ma jibbenefikawx mis-SES waqt l-investigazzjoni inizjali, mill-premessi 29 sa 34 tar-Regolament provviżorju u mill-premessa 13 tar-Regolament definittiv jirriżulta li l-valur normali ġie stabbilit fuq il-bażi ta' informazzjoni li toriġina mill-produttur tal-pajjiż analogu, b'mod partikolari fuq il-bażi tal-prezzijiet imħallsa fis-suq intern tal-Arġentina, skont regoli previsti fl-Artikolu 2(7)(a) tar-Regolament bażiku.

130 Skont il-premessi 15 sa 21 tar-regolament ikkontestat, is-SES ġie rrifjutat liż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi waqt l-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid. Għal din ir-raġuni, il-valur normali ma setax jiġi stabbilit iktar abbażi tal-prezz intern reali ta' bejgħ ffatturat minn kull wieħed miż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, skont ir-regoli previsti fl-Artikolu 2(1) sa (6) tar-Regolament bażiku. Bħalma jammettu r-rikorrenti, dan ma jikkostitwixxix fih innifsu bdil ta' metodu li huwa kuntrarju għall-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku.

131 Issa, mill-premessi 27 sa 29 tar-regolament ikkontestat jirriżulta li, għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, waqt l-investigazzjoni inizjali, il-valur normali ġie stabbilit, essenzjalment, fuq il-bażi tal-ispejjeż ta' produzzjoni fl-Arġentina, u mhux fuq l-użu tal-prezzijiet ta' bejgħ interni f'dan il-pajjiż.

132 Kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, dan jikkostitwixxi bdil ta' metodu fis-sens tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku. Fil-fatt, skont din id-dispożizzjoni, fl-investigazzjonijiet kollha ta' eżami mill-ġdid, il-Kummissjoni tapplika "l-istess metodu bħal dak fl-investigazzjoni li tat lok għall-impożizzjoni tad-dazju". F'dan il-każ, il-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma jibbenefikawx mis-SES kien ġie kkalkolat fuq il-bażi tal-prezzijiet interni ta' bejgħ fl-Arġentina waqt l-investigazzjoni inizjali, filwaqt li ġie stabbilit, essenzjalment, fuq l-ispejjeż ta' produzzjoni fl-Arġentina waqt l-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid għaż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li ma setgħux jibbenefikaw iktar mis-SES. F'dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-formulazzjoni tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku tagħmel riferiment għall-applikazzjoni tal-istess metodu fl-investigazzjoni inizjali u fl-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid. Għaldaqstant, kuntrarjament għal dak li jsostni l-Kunsill, din id-dispożizzjoni ma tillimitax ruħha li teżiġi biss l-applikazzjoni tal-istess metodu għall-istess entità ekonomika.

133 Huwa evidenti li metodi differenti jistgħu jiġu applikati għall-kalkolu tal-valur normali ta' produtturi esportaturi li, peress li jkunu f'sitwazzjonijiet differenti, huma suġġetti għal dispożizzjonijiet differenti tar-Regolament bażiku. Dan huwa pereżempju l-każ tal-produtturi esportaturi li jibbenefikaw mis-SES u ta' dawk li ma jibbenefikawx mis-SES. Issa, bħala prinċipju, skont l-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, l-istituzzjonijiet tal-Unjoni għandhom japplikaw l-istess metodu għall-kalkolu tal-valur normali għall-produtturi esportaturi li ma jibbenefikawx mis-SES, waqt l-investigazzjoni inizjali u l-investigazzjoni ta' eżami mill-ġdid, bla ħsara għal bdil fiċ-ċirkustanzi jew għall-fatt li l-metodu inizjalment użat ikun irriżulta li huwa kuntrarju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

134 F'dan il-każ, ir-regolament ikkontestat ma jagħmilx riferiment għal bdil fiċ-ċirkustanzi. Għalkemm huwa speċifikat fil-premessa 27 tar-Regolament bażiku li l-għażla tal-metodu applikat tirriżulta mid-differenzi bejn il-proċeduri ta' produzzjoni tal-aċidu tartariku fl-Arġentina u fiċ-Ċina, jiġifieri, il-proċedura naturali u l-proċedura sintetika, rispettivament, bħalma ġustament isostnu r-rikorrenti, dawn id-differenzi kienu jeżistu u kienu diġà magħrufa fl-istadju tal-investigazzjoni inizjali.

135 Għandu jiġi rrilevat li l-Kunsill isostni fis-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu li l-paragun bejn, minn naħa, il-valur normali kkalkolat abbażi tal-prezzijiet interni ta' bejgħ fl-Arġentina u għalhekk ibbażat fuq data relatata mal-proċess ta' produzzjoni naturali u, min-naħa l-oħra, il-prezzijiet ta' esportazzjoni taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi relatati mal-proċess ta' produzzjoni sintetika jkun distort, saħansitra inġust. Mistoqsi dwar il-portata ta' dan l-argument waqt is-seduta, il-Kunsill isostni li tali metodu ta' kalkolu tad-dazji antidumping huwa kuntrarju għall-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

136 F'dan ir-rigward għandu jiġi rrilevat li r-regolament ikkontestat ma jindikax li l-metodu inizjali huwa kuntrarju għall-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku, li huwa barra minn hekk ikkonfermat mill-fatt li d-dazju antidumping fis-seħħ għall-produtturi esportaturi l-oħra huwa dejjem ibbażat fuq il-valur normali ddeterminat skont il-metodu inizjali. Jekk l-ipoteżi tal-Kunsill tiġi aċċettata, dan ikollu bħala konsegwenza li l-applikazzjoni ta' dan il-metodu għall-produtturi esportaturi l-oħra, li d-dazju tagħhom huma dejjem stabbiliti fuq il-bażi ta' dan il-metodu, tkun illegali. Issa, għandu jiġi kkonstatat li mill-adozzjoni tar-Regolament provviżorju l-Kunsill u l-Kummissjoni ma bidlu bl-ebda mod id-dazju antidumping applikabbli għall-produtturi esportaturi l-oħra.

137 Barra minn hekk, għandha tiġi miċħuda l-fondatezza ta' dan l-argument, fid-dawl tal-fatt li l-aċidu tartariku mmanifatturat permezz ta' sinteżi kimika għandu l-istess karatteristiċi u huwa intiż għall-istess użi bażiċi bħal dak immanifatturat minn prodotti sekondarji tal-produzzjoni tal-inbid, kif inhu indikat fil-punt 1 iktar 'il fuq. Għaldaqstant, il-paragun bejn il-valur normali kkalkolat fuq data relatata mal-proċess ta' produzzjoni naturali u l-prezzijiet ta' esportazzjoni bbażati fuq il-proċess ta' produzzjoni sintetiku ma jidhirx li huwa kuntrarju għall-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku.

138 Għandu jingħad ukoll li l-Kunsill ma jistax jiġġustifika l-bdil tal-metodu billi jikkunsidra sempliċement li l-metodu adottat mir-regolament ikkontestat huwa iktar xieraq. Fil-fatt, skont il-ġurisprudenza, ma huwiex suffiċjenti li metodu ġdid ikun iktar xieraq mill-antik meta dan madankollu jikkonforma mal-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku (sentenza tat-8 ta' Lulju 2008, Huvis vs Il-Kunsill, T-221/05, mhux ippubblikat, EU:T:2008:258, punt 50).

139 Fl-aħħar nett, l-argument imressaq mill-Kunsill li l-interpretazzjoni tar-rikorrenti tħassar kull distinzjoni bejn il-produtturi esportaturi li jkunu kkooperaw u dawk li ma jkunux ikkooperaw għandu jiġi miċħud. Mill-premessa 22 tar-regolament ikkontestat jirriżulta li ż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi li kkooperaw, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku (li sar l-Artikolu 9(5) tar-Regolament 2016/1036), ibbenefikaw minn trattament individwali. Għaldaqstant, għad-differenza tal-produtturi esportaturi l-oħra li ma kkooperawx, huma bbenefikaw minn dazju antidumping individwali bbażat fuq il-prezzijiet tal-esportazzjoni rispettivi tagħhom.

140 Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta li, skont l-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku, dazju antidumping individwali huwa normalment ikkalkolat billi l-valur normali applikabbli għall-produtturi esportaturi kollha jitqabbel mal-prezzijiet individwali ta' esportazzjoni tal-produttur inkwistjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-4 ta' Frar 2016, C & J Clark International u Puma, C-659/13 u C-34/14, EU:C:2016:74, punt 130, u tas-26 ta' Novembru 2015, Giant (China) vs Il-Kunsill, T-425/13, mhux ippubblikata, EU:T:2015:896, punt 47). Għaldaqstant, l-argument imressaq mill-Kunsill u mill-Kummissjoni waqt is-seduta intiża sabiex l-ewwel motiv jiġi skartat fuq il-bażi tal-Artikolu 9(5) tar-Regolament bażiku għandu jiġi miċħud.

141 Fil-fatt, għandu jiġi rrilevat li huwa loġiku li, meta diversi produtturi esportaturi jingħataw is-SES, il-valur normali jkun differenti għal kull wieħed minnhom, peress li dan huwa kkalkolat fuq il-bażi tad-data rispettiva tagħhom. Għall-kuntrarju, ma hemm l-ebda raġuni għaliex il-valur normali jkun differenti fil-każ ta' diversi produtturi esportaturi li jiġi rrifjutat lilhom is-SES, peress li, f'din is-sitwazzjoni, il-kalkoli tal-valur normali huma bbażati fuq id-data ta' pajjiż analogu u għalhekk indipendentement mid-data rispettiva tagħhom. F'dan l-aħħar każ, produttur esportatur jista' dejjem

jitlob trattament individwali, li jimplika li marġni ta' dumping individwali tkun ikkalkolata billi l-valur normali, li huwa l-istess għal kulħadd, jitqabbel mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tiegħu, minflok ma l-valur normali jitqabbel mal-prezzijiet ta' esportazzjoni tal-industrija.

142 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, l-ewwel motiv għandu jiġi milqugħ. Għaldaqstant, ir-regolament ikkontestat għandu jiġi annullat.

143 Għalhekk, ma hemmx lok għall-Qorti Ġenerali li teżamina l-motivi l-oħra mqajma mir-rikorrenti.

Fuq it-talba għaż-żamma fis-seħħ tal-effetti tar-regolament ikkontestat

– L-argumenti tal-partijiet

144 Fil-każ fejn ir-rikors għal annullament jiġi milqugħ, ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha żżomm fis-seħħ l-effetti tar-regolament ikkontestat sakemm il-Kunsill jadotta l-miżuri xierqa sabiex jikkonforma ruħu mas-sentenza tal-Qorti Ġenerali, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti jsostnu li s-sempliċi annullament tar-regolament ikkontestat ikollu bħala konsegwenza li jqegħedhom f'sitwazzjoni iktar diffiċli minn qabel, peress li huma jkunu esposti għad-dumping taż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi, sakemm jiġu adottati miżuri ta' implimentazzjoni mill-Kunsill. Huma jispeċifikaw li r-rikors tagħhom ma huwiex intiż li jinkiseb l-annullament tal-effetti kollha tar-regolament ikkontestat, iżda iktar sabiex jiġi korrett. Għaldaqstant, ma hemmx lok li jingħata vantaġġ mhux iġġustifikat liż-żewġ produtturi esportaturi Ċiniżi.

145 Skont il-Kunsill, ir-rikorrenti ma wrewx li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE kienu ssodisfatti f'dan il-każ. B'mod partikolari, il-Kunsill jirrileva li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-interessi inkwistjoni kollha, b'mod partikolari dawk tal-importaturi li jkollhom iħallsu dazji antidumping illegali sakemm l-istituzzjonijiet ma jkunux aġixxew. Barra minn hekk, ir-rikorrenti ma wrewx l-eżistenza ta' motivi importanti ta' ċertezza legali intiżi għaż-żamma fis-seħħ tal-effetti tar-regolament ikkontestat.

– Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti Ġenerali

146 Fid-dawl tal-annullament deċiż permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372), ma huwiex possibbli li tintlaqa' t-talba tar-rikorrenti f'dak li jirrigwarda Changmao Biochemical Engineering. Madankollu, din it-talba tista' tintlaqa' f'dak li jirrigwarda Ninghai Organic Chemical Factory.

147 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li r-rikors ma huwiex intiż għat-tħassir tad-dazju antidumping li jirriżulta mir-regolament ikkontestat, iżda għas-sostituzzjoni tiegħu permezz ta' miżura ta' portata iktar stretta li tinkludi dazju antidumping iktar għoli b'applikazzjoni ta' metodu ta' kalkolu differenti. Barra minn hekk, peress li l-konsegwenzi tas-sempliċi annullament tar-regolament ikkontestat jistgħu jkollhom bħala effett li jippreġudikaw l-interess ġenerali tal-politika tal-Unjoni fil-qasam ta' antidumping, sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' tali miżuri u kuntrarjament għall-oġġezzjonijiet tal-Kunsill, id-dazju antidumping li jirriżulta mir-regolament ikkontestat għandu jinżamm fis-seħħ sakemm l-istituzzjonijiet ikunu ħadu l-miżuri li jinkludu l-eżekuzzjoni ta' din is-sentenza, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 264 TFUE (sentenza tal-20 ta' Marzu 1985, Timex vs Il-Kunsill u Il-Kummissjoni, 264/82, EU:C:1985:119, punt 32).

148 Barra minn hekk, hemm lok li jsir riferiment għall-punti 101 sa 113 iktar 'il fuq f'dak li jirrigwarda l-interess ġuridiku tar-rikorrenti minkejja l-annullament tar-regolament ikkontestat.

149 Għaldaqstant, it-talba għaż-żamma fis-seħħ tal-effetti tar-regolament ikkontestat għandha tintlaqa' sa fejn ma kienx ġie annullat permezz tas-sentenza tal-1 ta' Ġunju 2017, Changmao Biochemical Engineering vs Il-Kunsill (T-442/12, EU:T:2017:372).

Fuq l-ispejjeż

150 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li l-Kunsill tilef, hemm lok li huwa jiġi kkundannat għall-ispejjeż, skont it-talbiet tar-rikorrenti.

151 Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet li intervjenew fil-kawża għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

152 Skont l-Artiklu 138(3) tal-Regoli tal-Proċedura, il-Qorti Ġenerali tista' tiddeċiedi li intervenjent, minbarra dawk imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 tal-imsemmi artikolu, għandu jbati l-ispejjeż tiegħu. Fiċ-ċirkustanzi tal-kawża ineżami, għandu jiġi deċiż li Changmao Biochemical Engineering għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tmien Awla Estiża)

taqta' u tiddeċiedi:

1) **Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 626/2012 tas-26 ta' Ġunju 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni [tal-Kunsill] (UE) Nru 349/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet tal-aċidu tartariku li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina, huwa annullat.**

2) **Id-dazju antidumping impost permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni Nru 626/2012 għandu jinżamm f'dak li jirrigwarda l-prodotti ta' Ninghai Organic Chemical Factory sakemm il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jkunu ħadu l-miżuri għall-implimentazzjoni ta' din is-sentenza.**

3) **Il-Kunsill għandu jbati l-ispejjeż rispettivi tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Distillerie Bonollo SpA, Industria Chimica Valenzana (ICV) SpA, Distillerie Mazzari SpA, Caviro Distillerie Srl u Comercial Química Sarasa, SL.**

4) **Il-Kummissjoni għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

5) **Changmao Biochemical Engineering għandha tbati l-ispejjeż rispettivi tagħha.**

Collins Kancheva Bieliūnas

Barents Passer

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-3 ta' Mejju 2018.

Firem